

Brussell, 4 ta' Marzu 2020
(OR. en)

6546/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0037 (NLE)

PECHE 55

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	4 ta' Marzu 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 87 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1838 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd għall-2020 fil-Baħar Baltiku u f'ilmijiet oħra, u li jikkoreġi u jemenda r-Regolament (UE) 2020/123 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd għall-2020 fl-ilmijiet tal-Unjoni u mhux tal-Unjoni

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 87 final.

Mehmuż: COM(2020) 87 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.3.2020
COM(2020) 87 final

2020/0037 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1838 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd għall-2020 fil-Baħar Baltiku u f'ilmijiet oħra, u li jikkoreġi u jemenda r-Regolament (UE) 2020/123 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd għall-2020 fl-ilmijiet tal-Unjoni u mhux tal-Unjoni

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1838 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2020 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku jeħtieġ li jiġi emendat biex jippermetti sajd xjentifiku matul il-perjodi tal-għeluq fiż-żmien riproduttiv stabbiliti għaż-żewġ stokkijiet ta' bakkaljaw. Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2020 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni. Is-soltu, dawn l-opportunitajiet tas-sajd jiġu emendati diversi drabi fil-perjodu li matulu jkun fis-seħħ.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika

Il-miżuri proposti huma mfassla f'konformità mal-objettivi u r-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd u huma konsistenti mal-politika tal-Unjoni dwar l-iżvilupp sostenibbli.

• Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni

Il-miżuri proposti huma konsistenti ma' politiki oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-politiki fil-qasam tal-ambjent.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Il-bażi ġuridika ta' din il-proposta hija l-Artikolu 43(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

L-obbligi tal-Unjoni għall-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin jirriżultaw mill-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament bażiku l-ġdid tal-PKS.

• Sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)

Il-proposta taqa' fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(d) tat-Trattat. Għaldaqstant, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

• Proporzjonalità

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġuni li ġejja: il-PKS hija politika komuni. Skont l-Artikolu 43(3) tat-Trattat, l-adozzjoni ta' miżuri dwar l-istabbiliment u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd hija r-responsabbiltà tal-Kunsill.

• Għażla tal-istrument

L-istrument propost: regolament.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX-POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

• Evalwazzjonijiet *ex-post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti

Mhux applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-proposta tqis ir-rispons mill-partijiet ikkonċernati, il-Kunsilli Konsultattivi, l-amministrazzjonijiet nazzjonali, l-organizzazzjonijiet tas-sajjieda u l-organizzazzjonijiet nongovernattivi.

- **Ġbir u użu tal-għarfien esperti**

Il-proposta hija bbażata fuq il-parir xjentifiku tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES).

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-opportunitajiet tas-sajd huwa ċirkoskritt bl-Artikolu 43(3) tat-Trattat.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-miżuri proposti mhux se jkollhom l-ebda implikazzjoni baġitarja.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-emendi proposti għandhom l-għan li jimmodifikaw ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1838 u r-Regolament (UE) 2020/123 kif deskritt hawn taħt.

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1838 jistabbilixxi għaż-żewġ stokkijiet ta' bakkaljaw tal-Baltiku, perjodi ta' għeluq matul iż-żmien riproduttiv sabiex tiġi żgurata r-riproduzzjoni bla xkiel fid-dawl ta' reklutaġġ akbar. Fl-istess ħin, huwa essenzjali li jitħallew isiru investigazzjonijiet xjentifiċi matul dawn il-perjodi ta' għeluq. L-interruzzjoni tas-serje ta' żmien tad-*data* jkollha impatt negattiv ferm fuq il-valutazzjoni xjentifika tal-istokkijiet li hija l-bażi għall-istabbiliment tal-opportunitajiet tas-sajd.

Iċ-ċiċirell huwa speċi b'ħajja qasira u l-parir xjentifiku jkun disponibbli fit-tieni nofs ta' Frar, filwaqt li s-sajd jibda diġà f'April. Fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 il-limiti tal-qabdiet totali permissibbli (TAC) ġew stabbiliti għal zero. Għaldaqstant, jenħtieġ li dawn jiġu emendati f'konformità mal-aħħar parir xjentifiku tal-ICES.

Is-sitt sessjoni regolari tal-Ftehim dwar is-Sajd fin-Nofsinar tal-Oċean Indjan (SIOFA), li saret bejn l-1 u l-5 ta' Lulju 2019, iddeċidiet dwar miżuri tas-sajd tal-qiegħ u limitazzjoni tal-isforz fiż-Żona tal-Ftehim. Il-miżuri miftiehma f'dik is-sessjoni jridu jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni. Il-miżuri ta' implimentazzjoni attwali jridu jiġu aġġornati biex jirriflettaw l-miżuri miftiehma fil-laqgħa.

Fil-laqgħa annwali tagħha f'Novembru 2019, il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tal-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) iddeċidiet dwar obbligi ġodda ta' rappurtar għat-tonn tropikali. L-Istati Membri huma meħtieġa jittrażmettu l-qabdiet ta' kull xahar għal xi bastimenti għat-tonn obeż, it-tonna safra u l-palamit. Dawk il-miżuri jridu jiġu implimentati

fil-liġi tal-Unjoni u r-referenzi jridu jiġu inklużi billi jiġi emendat ir-Regolament (UE) 2020/123.

- **Konsultazzjoni tar-Renju Unit**

Billi dan ir-Regolament irid jiġi adottat matul il-perjodu ta' tranżizzjoni previst fil-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, il-Kummissjoni se tikkonsulta lir-Renju Unit f'konformità mal-Artikolu 130(1) ta' dak il-Ftehim.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1838 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd għall-2020 fil-Baħar Baltiku u f'ilmijiet oħra, u li jikkoreġi u jemenda r-Regolament (UE) 2020/123 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd għall-2020 fl-ilmijiet tal-Unjoni u mhux tal-Unjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1838¹ jiffissa għall-2020 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku. Dan jistabbilixxi perjodi ta' għeluq fiż-żmien riproduttiv għaż-żewġ stokkijiet ta' bakkaljaw tal-Baltiku. L-iżgurar ta' serje ta' żmien mhux interrotta ta' *data* komparabbli dwar l-istokkijiet tal-ħut huwa element essenzjali għall-valutazzjoni xjentifika ta' dawk l-istokkijiet. Għalhekk, huwa xieraq li matul il-perjodu tal-għeluq rispettiv jitħallew isiru operazzjonijiet tas-sajd imwettqa esklussivament għall-fini ta' investigazzjonijiet xjentifiċi u f'konformità sħiħa mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 2019/1241². Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/1838 jiġi emendat kif meħtieġ.
- (2) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123³ jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2020 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni.
- (3) Fil-laqgħa annwali tiegħu f'Lulju 2019, il-Ftehim dwar is-Sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan (SIOFA) iddeċieda dwar miżuri tas-sajd tal-qiegħ u limitazzjoni tal-isforz fiż-żona tal-Ftehim. Dawk il-miżuri ġew implimentati fil-liġi tal-Unjoni

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1838 tad-30 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi għall-2020 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/124 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet ta' sajd f'ilmijiet oħra (ĠU L 281, 31.10.2019, p. 1).

² Ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) Nru 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105).

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 tas-27 ta' Jannar 2020 li jistabbilixxi għall-2020 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 25, 30.1.2020, p. 1).

permezz tar-Regolament 2020/123. Madankollu, jenħtieġ li jsir aktar tibdil biex jiġi żgurat li r-regoli ta' implimentazzjoni jirriflettu sew id-deċiżjonijiet li ttieħdu mis-SIOFA. Fil-laqgħa annwali tiegħu f' Lulju 2019, il-Ftehim dwar is-Sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan (SIOFA) adotta ħames żoni protetti provviżorji li fihom japplikaw regoli speċifiċi għall-bastimenti tas-sajd sabiex jiġu protetti l-ekosistemi bentiċi.

- (4) Fir-Regolament (UE) 2020/123, il-qabda totali permissibbli (TAC) għaċ-ċiċċirell fid-diviżjonijiet 2a u 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES, kienet stabbilita għal żero. Iċ-ċiċċirell huwa speċi b'ħajja qasira u l-parir xjentifiku rilevanti, ipprovdut mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES), isir disponibbli fit-tieni nofs ta' Frar, filwaqt li s-sajd jibda fl-1 ta' April.
- (5) Jenħtieġ li l-limiti tal-qbid għaċ-ċiċċirell fid-diviżjonijiet 2a u 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES jiġu emendati f'konformità mal-aħħar parir xjentifiku tal-ICES, maħruġ fis-27 ta' Frar 2020.
- (6) Fil-laqgħa annwali tagħha f'Novembru 2019, il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) iddeċidiet dwar obbligi ġodda ta' rappurtar għat-tonn tropikali. L-Istati Membri huma meħtieġa li jibagħtu l-qabdiet ta' kull xahar għall-bastimenti kbar tas-sajd bil-konz (tul totali ta' 20 m jew aktar) u għal bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża, li jistadu għat-tonn obeż (*thunnus obesus*), għat-tonna safra (*thunnus albacares*) u għall-palamit (*katsuwonus pelamis*) fl-Oċean Atlantiku. Meta l-qabdiet jilħqu 80 % tal-kwota, l-Istati Membri huma mitluba jgħaddu kull ġimgħa l-qabdiet għal dawn il-bastimenti.
- (7) Dawk il-miżuri jridu jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni billi jiġu emendati kif xieraq it-tabelli tal-qabdiet totali permissibbli (TAC) għat-tonn obeż u għat-tonna safra fl-Oċean Atlantiku stabbilit fir-Regolament 2020/123. Għalkemm ma ġiet stabbilita l-ebda TAC fir-Regolament 2020/123 għall-palamit, ir-referenzi għal din l-ispeċi jridu jiġu inklużi fit-tabelli komparattivi rilevanti ta' ismijiet bil-Latin u ismijiet komuni għall-fini ta' obbligi ta' rappurtar.
- (8) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2020/123 jiġi emendat kif meħtieġ.
- (9) Il-limiti tal-qbid previsti fir-Regolament (UE) 2020/123 u fir-Regolament (UE) 2019/1838 japplikaw mill-1 ta' Jannar 2020. Għalhekk, jeħtieġ li d-dispożizzjonijiet introdotti minn dan ir-Regolament emendatorju dwar il-limiti tal-qbid, japplikaw ukoll minn dik id-data. Tali applikazzjoni retroattiva hija mingħajr preġudizzju għall-prinċipji taċ-ċertezza legali u għall-protezzjoni ta' aspettattivi leġittimi billi l-opportunitajiet tas-sajd ikkonċernati għadhom ma ġewx eżawriti.
- (10) Ir-Renju Unit ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 130(1) tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda tar-Regolament (UE) 2019/1838

L-Anness tar-Regolament (UE) 2019/1838 hu emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Korrezzjoni tar-Regolament (UE) 2020/123

Fl-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) Nru 2020/123, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“Artikolu 46

Limiti għas-sajd tal-qiegħ

“L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom li qed jistadu fiż-Żona tal-Ftehim SIOFA:

- (a) jillimitaw l-isforz u/jew il-qbid annwali tagħhom tas-sajd tal-qiegħ għal-livell medju annwali tagħhom għal dawk is-snin meta l-bastimenti tagħhom kienu attivi fiż-Żona, matul perjodu rappreżentattiv li għalih teżisti d-*data* ddikjarata lill-Kummissjoni;
- (b) ma jespandux id-distribuzzjoni spazjali tal-isforz tas-sajd tal-qiegħ, ħliet il-metodi bix-xliet u bin-nases, lil hinn minn żoni fejn sar sajd f'dawn l-aħħar snin;
- (c) mhumiex awtorizzati li jistadu fiż-żoni protetti provviżorji ta' Atlantis Bank, Coral, Fools Flat, Middle of What, Walter's Shoal, kif definit fl-Anness IK, ħliet il-metodi bix-xliet u bin-nases u bil-kundizzjoni li jkun hemm osservatur xjentifiku abbord il-ħin kollu waqt is-sajd f'dawk iż-żoni.”

Artikolu 3

Emenda tar-Regolament (UE) 2020/123

“L-Annessi I, IA, ID u IK huma emendati f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.”

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*